# Talb

# Għall-Vokazzjonijiet

# Agostinjani

#PrayforVocations

Maltese Augustinian Province

www.agostinjani.org

O Alla Missier il-Ħniena, **li tipprovdi** l-ħsad f'waqtu, imla bil-grazzji tiegħek lil dawk li sejjaħt u għażilt biex ikunu ħaddiema fl-għalqa tiegħek, **ħarishom** u **qawwihom** matul ħajjithom kollha.

**Kompli iftaħ** il-qlub taż-żgħażagħ ħalli jkomplu jirriflettu r-rieda tiegħek f'ħajjithom, **qanqal fihom** l-imħabba u x-xewqa li jagħtu ħajjithom għall-qadi tal-oħrajn fi ħdan il-familja Agostinjana.

**Għallem** lill-bnedmin kollha jsegwu t-triq tagħhom fil-ħajja mmexxija mill-Kelma u l-Verità tiegħek u flimkien nitolbu t-talb li għallimna Sidna Ġesù Kristu... *Missierna...*

Missier ħanin, int **sejjaħtli** għall-ħajja u mlejtni b'ħafna talenti u doni. Permezz tal-magħmudija, int **bgħattni** sabiex inkompli l-missjoni ta' Kristu billi naqsam l-imħabba tiegħi mal-oħrajn.

**Qawwini** ħalli ta' kuljum inwieġeb għas-sejħa li tagħmilli. **Għinni** biex inwettaq kulma tixtieq minni. **Dawwalni** biex inkun dawl fil-ħajja tal-oħrajn. **Mexxini** biex nagħżel it-triq tal-ħajja li int ħejjejt għalija.

**Iftaħ** il-qlub tal-bnedmin ħalli jisimgħu s-sejħa tiegħek, imliehom bl-Ispirtu Qaddis tiegħek u **ħeġġiġhom iweġbuk** sabiex jaqduk fil-familja Agostinjana.

**Erġa'** qanqal f'qalbi u fil-qalb tal-oħrajn ix-xewqa li nagħmlu d-dinja post aħjar billi naqduk bħala ministri fil-għalqa tiegħek u flimkien intennulek... *Missierna...*

Missier int **issejħilna** b'isimna
u tistaqsina biex nimxu warajk.

**Bierek** il-familja Agostinjana
b'iktar vokazzjonijiet qaddisa
u rgħajja ġenerużi mill-familji tagħna
ħalli jaqduk fil-Knisja tiegħek.

**Iftħilna** moħħna u qalbna ħalli nsiru nafuk dejjem iktar billi nisimgħu s-sejħa tiegħek u ntennulek... *Missierna...*

Alla Missierna.
Agħmel li **s-sejħa tal-leħen tiegħek**
tasal għand ħafna
li jkunu lesti li
jgħixu maqgħudin miegħek.

**Ipprepara** l-qlub tagħhom
bil-kelma tiegħek
b'mod li jkunu lesti
li jevanġelizzaw lil kulħadd
u li **jieħdu ħsieb** il-ħsad kbir tiegħek.

Mulej, agħmel li
dawk kollha li huma msejħin
għal ħajja Agostinjana,
**jisimgħu** l-leħen tiegħek
u li **jagħmlu** r-rieda tiegħek.

*Missierna...*

O Missier ħanin, aħna n-nagħaġ tiegħek, u int ir-Ragħaj tagħna.

Aħna x-xogħol ta' jdejk u tant aħna prezzjużi f'għajnejk Mulej, li bgħattilna lil Ibnek il-Waħdieni, Sidna Ġesù Kristu fid-dinja biex isalvana.

Mulej Ġesù int issejħilna biex **infejqu** l-qalb muġugħa, **nixxuttaw** id-demgħa ta' dawk li qegħdin jibku, **nagħtu t-tama** lil dawk li tilfu t-tama f'ħajjithom u **nferrħu** bl-imħabba tiegħek.

Aħna li aħna mgħammdin, u **ngħixu** s-sejħa tagħna billi **naqdu** lil xulxin, nitolbuk tgħinna Mulej biex inkomplu **nwieġbu** għal din is-sejħa.

Nitolbuk ukoll **tibqa' ssejjaħ** minn fostna nies ġenerużi li lesti jħallu kollox sabiex jimxu warajk aktar mill-qrib fi ħdan il-familja Agostinjana u jwasslu l-imħabba tiegħek ta' ragħaj li jaf jieħu ħsieb in-nagħaġ tiegħu.

Nitolbuk Mulej sabiex **tkun int ir-ragħaj tagħna**, u dak li tmexxina fil-ħajja.

*Missierna...*

O Alla Missierna, kollok imħabba u ħniena, int **tbierek** lil poplu tiegħek kull ħin u kull mument tal-ħajja.

Nitolbuk biex tkompli **ssejjaħ** aktar aħwa li joffru ħajjithom għas-servizz tal-Evanġelju bi spirtu ta' mħabba u entużjażmu fi ħdan il-familja Agostinjana.

**Iftaħ** il-qlub ta' dawn ħutna ħalli jisimgħu l-leħen tiegħek fil-ħajja tagħhom.

**Agħtihom** id-don tal-intelliġenza biex jagħrfu aħjar l-istedina li tagħmlilhom biex jaqduk fil-Knisja.

**Agħtihom** il-kuraġġ li jwieġbu għas-sejħa tiegħek ħalli jkollhom l-ispirtu taż-żagħżugħ Samwel meta stqarr b'fedeltà, "Tkellem, Mulej għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'."